GVERN TA' MALTA

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-UGWALJANZA U R-RIFORMI

Konsultazzjoni Pubblika

# Nagħtu t-tieni ċans

# Werrej


| | |
|---|---|
| Messaġġ mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni | 4 |
| Messaġġ mis-Segretarju Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi | 6 |
| Introduzzjoni | 8 |
| Għalfejn din ir-riforma ? | 9 |
| Id-diffikultajiet sproporzjonati biċ-ċertifikati tal-kondotta | 10 |
| Soċjetà Ġusta u Ħanina | 11 |
| Il-ħtieġa għar-riforma | 12 |
| Ċertifikat supplimentari ta' imġiba | 13 |
| Kompożizzjoni tal-Bord għaċ-ċertifikat supplimentari | 14 |
| Perjodu iqsar biex sentenzi fuq reati partikulari jitneħħew miċ-ċertifikat tal-kondotta | 15 |
| Kif ser jiqsar il-perjodu biex reat ma jibqax reġistrat fil-kondotta | 16 |
| Sentenzi ta' reati li mhux ser jibqgħu jidhru fiċ-ċertifikati tal-kondotta | 18 |
| Apprezzament akbar għall-programmi ta' riabilitazzjoni | 19 |
| Kompożizzjoni tal-Bord fl-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi | 20 |
| Għeluq | 21 |

# Messaġġ mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

l-Onor. Jonathan Attard



Għal darba oħra bħala Gvern riformista qegħdin nippreżentaw dokument ta' konsultazzjoni pubblika, "Nagħtu t-tieni ċans", riforma li tixhed l-ideoloġija progressiva li aħna nħaddnu bħala Gvern.

F'din il-konsultazzjoni pubblika qed inressqu 'l quddiem proposti bil-għan li niddiskutu u naslu biex inwettqu riforma li tagħti t-tieni ċans lil dawk il-persuni fostna li jkunu żbaljaw, imma wrew ir-rieda u l-ħeġġa li ma jerġgħux jiżbaljaw.

Fis-settur tal-Ġustizzja, bħala Gvern fl-aħħar snin wettaqna u se nkomplu nwettqu riformi u investiment bla preċedent. Dan bil-għan li nassiguraw li nkomplu naħdmu għal soċjetà fejn kulħadd ikun kontabbli ta' għemilu.

Imma jien nemmen ukoll f'soċjetà umana, li tifhem li kulħadd jista' jiżbalja, u fejn hu possibbli noffru soluzzjonijiet.

Jien nemmen f'approċċ, fejn minflok nitkażaw u nimtlew bil-preġudizzji, naraw li nifhmu x'wassal lil dik il-persuna tiżbalja u nagħmlu dak kollu possibbli biex ngħinuha tibda paġna ġdida.

Jien nemmen f'politika ta' kompassjoni li ma tiqafx mal-miskin jew il-jaħasra, imma li tieħu azzjoni konkreta.

Din hija riforma li tivvalorizza wkoll il-ħidma sfiqa li ssir minn Aġenziji, fondazzjonijiet, organizazzjonijiet u għaqdiet li jaħdmu fis-settur tar-rijabilitazzjoni.

B'dak propost għad-diskussjoni qed naraw li l-liġi relatata maċ-ċertifikati tal-kondotta jkunu jirriflettu żviluppi oħra importanti li kellna f'pajjiżna, bħall-ġustizzja riparattriċi. Il-prinċipju huwa li persuni li jkunu weħlu sentenza ta' priġunerija, għandhom jingħataw l-opportunità jirriformaw u jirrijabilitaw ruħhom, fl-interess tagħhom u tas-soċjetà inġenerali.

Hija ħasra li jkollok persuni li jkunu rriformaw u rrijabilitaw ruħhom, bir-rieda u l-volontà tagħhom u l-għajnuna tal-Aġenziji, fondazzjonijiet, organizazzjonijiet u għaqdiet u xorta jsibu l-bibien magħluqa meta jiġu biex jintegraw lura fid-dinja tax-xogħol.

Fl-istess waqt b'din ir-riforma qed naraw ukoll li nissalvagwardjaw l-interessi ġenerali tas-soċjetà, minn ċertu reati gravi jew minn min jibqa' jippersisti fit-triq tal-Kriminalità.

Riformi bħal dawn ma jistgħux ikunu suċċess jekk kemm -il darba l-entitajiet pubbliċi u privati, inkluż min iħaddem u istituzzjonijiet oħrajn bħall banek, ma jagħrfux iħarsu lejn is-sistemi tagħhom u jimplimentaw tibdil li jirrifletti l-għan u l-ispirtu ta' din ir-riforma.

L-impenn tagħna jibqa' dak ta' ġustizzja effiċjenti, effettiva u li tidher li qed issir. Fl-istess waqt se nkomplu niffukaw fuq il-vittmi tal-Kriminalità, billi nsewwu l-ħsarat tal-passat u nwaqqfu kemm jista' jkun milli tkompli ssir l-ħsara mill-kriminalità.

B'approċċ aktar inkluživ, għandna wkoll inkomplu nsostnu l-ħidma tagħna billi ngħinu lil dawk il-persuni li jkunu waqgħu jew spiċċaw fil-krimialità, billi jkollhom ċans jirriformaw ruħhom u jirrintegraw ruħhom fis-soċjetà.

Bil-parteċipazzjoni tagħkom f'din il-konsultazzjoni pubblika nistgħu nkomplu nibnu soċjetà msejsa fuq l-empatija, il-kompassjoni, it-tolleranza u r-rispett.

# Messaġġ mis-Segretarju Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi



## l-Onor. Rebecca Butigieg

Din ir-riforma li qegħdin nipproponu f'din il-White Paper tmur pass lil hinn mal-wegħda tal-manifest elettorali. Qegħdin nagħmlu dan għaliex verament nemmnu li nistgħu nagħtu t-tieni ċans lil persuni li jkunu żbaljaw u li wrew ir-rieda u l-ħeġġa li ma jerġgħux jiżbaljaw.

Irridu ngħinuhom iqumu fuq saqajhom u kemm jista' jkun naraw li jkollhom mill-ġdid l-opportunitajiet tax-xogħol.

Meta ser nagħtu t-tieni ċans ser nagħmlu dan wara li min ikun żbalja ikun qabel xejn ħallas għall-iżball li jkun wettaq wara proċess legali u ġust.

Mhux sew li nħallu tisfuma fix-xejn il-ħidma fejjieda li jkunu għamlu huma bis-sostenn tal-professjonisti tal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi u tal-Fondazzjonijiet li qegħdin jagħtu servizz imprezzabbli għar-riforma lil dawn il-persuni, waqt li kienu qegħdin jiskuntaw is-sentenza.

Din ir-riforma għandhasservi biex issaħħaħ u tkun xprun għal priġunieri biex jipparteċipaw u jidħlu fi programmi ta' riabilitazzjoni li qed jitmexxew, kemm mill-NGOs f'dan il-qasam, kif ukoll mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi.

Aħna qegħdin fil-politika biex nagħmlu d-differenza u intejbu l-ħajja tan-nies. Għalhekk ma niqfux naħdmu biex nieħdu inizjattivi u miżuri li bihom ngħinu lin-nies li jilħqu l-aspettattivi tagħhom.

Waqt li qed nagħmlu dawn il-proposti għar-riformi fis-sistema taċ-ċertifikat tal-kondotta, għadna attenti li nagħmlu dan bi prudenza u b'kawtela kbira għaliex irridu li din ir-riforma tħares ukoll l-interessi tas-soċjetà u tal-vittmi tal-kriminalità.

Konvinta li l-mod kif ser titħaddem ir-riforma min bord apposta ser issib bilanċ ġust u toffri garanziji adegwati, fosthom għaliex tipprovdi biex iċ-ċertifikat supplimentari tal-kondotta, jintilef awtomatikament jekk il-persuna li tkun ingħatat dak iċ-ċertifikat twettaq u tinstab ħatja ta' reat ieħor. Konformi mal-prinċipji tagħna favur il-ġustizzja soċjali, ma niddejqu xejn li nagħtu t-tieni ċans lil min jistħoqqlu. Waqt li nagħmlu dan ser nibqgħu nkunu sodi u nżommu ċ-ċertifikat tal-kondotta kif ukoll il-fedina penali, li mhix ser titmiss f'din ir-riforma, bħala deterrent għal min jippersisti fit-triq tal-kriminalità.

Nemmen f'soċjetà ġusta u ħanina u nemmen ukoll li l-poplu tagħna kapaċi jegħleb il-preġudizzji li jista' jkollu għar-riforma bħal din.

Din ir-riforma ser tkun pass ieħor fil-mixja li qegħdin nagħmlu flimkien biex waqt li jkunu sodi fil-ġlieda kontra l-kriminalità bil-bosta miżuri u inizjattivi li ttieħdu fl-aħħar snin, nkunu fl-istess ħin qegħdin inwettqu l-prinċipji tal-ġustizzja soċjali u nagħtu tifsira vera lill-valur tal-maħfra.

# Introduzzjoni

L-Ordinanza li bis-saħħa tagħha bdiet titħaddem f'Malta s-sistema taċ-ċertifikat tal-kondotta s-sena d-dieħla tagħlaq 91 sena. Din l-Ordinanza saret fil-5 ta' Jannar tal-1934. Mal-medda tas-snin saru madwar għoxrin emenda biex is-sistema tkun aġġornata skont il-ħtiġijiet u l-iżviluppi tas-soċjetà u tal-liġijiet tal-pajjiż.

Wasal iż-żmien li jsiru riformi oħrajn f'din l-Ordinanza biex iċ-ċertifikati tal-kondotta jkunu jirriflettu l-prinċipji tal-liġi dwar il-ġustizzja riparattriċi. Din il-liġi  fost oħrajn tisħaq fuq ir-riforma u r-riabilitazzjoni tal-persuni li jkunu weħlu sentenza ta'priġunerija biex ikunu jistgħu jiġu integrati lura fis-soċjetà wara li jiskuntaw is-sentenza tagħhom.

## Għalfejn din ir-riforma?

Nemmnu bis-sħiħ li s-soċjetà għandha tagħti t-tieni ċans fejn u meta huwa possibbli lil persuni li jkunu għamlu l-almu tagħhom biex jirriformaw ruħhom waqt li jkunu qegħdin jiskuntaw s-sentenza tagħhom u ċ-ċertifikat ta' kondotta m'għandux ikun ta' xkiel biex ikollhom xogħol xieraq.

Għalkemm veru li ċerti reati jitneħħew mil-kondotta wara ammont ta' snin, huwa fatt li l-impjegaturi jsibuha diffiċli biex jimpjegaw persuni b'kondotta imċappsa u sal-lum m'għandhomx l-ebda viżibilità dwar jekk l-persuna tkunx għamlet l-almu kollu tagħha biex tirriforma ruħha ħalli tassew tibda ħajja ġdida.

# Id-diffikultajiet sproporzjonati biċ-ċertifikati tal-kondotta

Għaqdiet volontarji li jaħdmu mill-viċin mal-priġunieri u l-familji tagħhom, jafu tajjeb kemm isibu bibien magħluqa ma wiċċhom meta jħabbtu l-bibien biex isibu x-xogħol għal persuni li jkunu qegħdin jagħmlu programmi ta' riabilitazzjoni magħhom.

Fil-konsultazzjoni preliminari li saret ħarġu b'mod ċar id-diffikultajiet mhux żgħar li ċ-ċertifikat tal-kondotta qiegħed spiss joħloq fost oħrajn biex persuni li jkunu skuntaw piena ta' ħabs isibu impjieg, anke f'impjiegi li m'għandhomx sensittivitajiet partikulari, bħal ma huma delivery persons u gwardjani li jagħmlu ċerti xogħlijiet li ħafna drabi lanqas biss jinvolvu kustodja ta' proprjetà.

# Soċjetà Ġusta u Ħanina.

Fil-manifest elettorali Malta Flimkien tal-elezzjoni tal-2022, il-Partit Laburista wiegħed li jagħmel riforma fis-sistema taċ-ċertifikat tal-kondotta. Il-miżura numru 653 tal-manifest elettorali tipprovdi għal din ir-riforma.

Din ir-riforma għalhekk filwaqt li ser tagħmel tibdil fejn xieraq fiċ-ċertifikat tal-kondotta fuq xi reati, mhix ser tħassar reati oħrajn aktar gravi li se jibqgħu jidhru fiċ-ċertifikat tal-kondotta bħal ma huma:

- Delitti kontra l-umanità
- Omiċidji u femiċidji
- reċidivita f'serq.
- reċidivita fi frodi
- reċidivita ta' misappropjazzjoni
- reċidivita fit-traffikar tad-droga.
- reati kontra s-sigurtà tal-gvern u
- kalunji u sperġur
- terroriżmu

Huwa propost għalhekk illi l-omiċidju volontarju ma jitneħħiex miċ-ċertifikat tal-kondotta u illi r-reċidivita f' reati gravi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru jew ta' vjolenza domestika u reati sesswali fuq it-tfal jibqgħu jidhru fuq iċ-ċertifikat tal-kondotta jekk il-qorti hekk tordna.

Ir-riforma mhija ser tbiddel xejn dwar il-'Fedina Penali' li hija dokument li jinżamm għand l-awtorità pubblika li juri r-reati kriminali kollha li tagħhom persuna tkun instabet ħatja.

Dan id-dokument hu u se jibqa' kunfidenzjali b' xi awtoritajiet pubbliċi biss ikunu jistgħu jitolbuh bil-kunsens tal-persuna konċernata u dan minħabba raġunijiet partikolari relatati ma impiegi u funzjonijiet speċifiċi.

F'dan ir-rigward fid-dawl tal-ħtiġijiet ġodda dwar kondotta għal persuni li jaħdmu fl-industrija tal-kostruzzjoni qiegħed jiġi propost illi mal-lista ta' dawn l-awtoritajiet pubbliċi tiżdied l-Awtorita tal-Bini u l-Kostruzzjoni.

Għall-iskop li titħejja u tiġi ffokata din ir-riforma, fix-xhur li għaddew saru diskussjonijiet u sensiela ta' konsultazzjonijiet biex jinstab l-aħjar mudell biex din ir-riformi tilħaq l-iskop tagħha u tikseb ir-riżultati mixtieqa fil-kuntest ta' bilanċ xieraq.

# Il-ħtieġa għar-riforma

Mill-konsultazzjoni preliminari li saret bi tħejjija għal din il-White Paper deher ċar li trid issir riforma effettiva biex issir ġustizzja prinċipalment mal-persuni  li servew sentenzi ta' ħabs fuq ċerti reati u għamlu l-almu tagħhom biex jkunu riabilitati.

Fl-aħħar snin sar xogħol siewi u importanti fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi biex aktar persuni li jkunu qed jiskuntaw is-sentenza tagħhom  jingħataw servizzi professjonali u opportunitajiet ta' taħriġ bil-għan li jiksbu ħiliet ġodda u jkunu jistgħu jintegraw ruħhom fis-soċjetà wara li jiskuntaw is-sentenza tagħhom.

F'din il-ħidma taw u qed jagħtu sehem utli ħafna anke għaqdiet mhux governattivi bħalma hi l-Għaqda RISE, l-Caritas u l-Għaqda mid-Dlam għad-Dawl li għandhom programmi maħsuba biex jgħinu lil priġunieri jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jidħlu lura fis-soċjetà b'mod attiv fosthom biex ikollhom impjieg.

# Ċertifikat supplimentari ta' imġiba

Din ir-riforma qegħda tipproponi li apparti ċ-ċertifikat tal-kondotta jkun jista' jinħareġ ċertifikat supplimentari li jelenka l-programm jew programmi li persuna tkun għamlet waqt li kienet qed tiskonta s-sentenza tagħha kif ukoll li jagħti rendikont tal-imġieba tagħha waqt li kienet fil-faċilita korrettiva. Dan iċ-ċertifikat jinħareġ biss fuq talba tal-individwu li trid issir sa mhux aktar minn xahar minn meta jkun skonta s-sentenza tiegħu.

Id-deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat mill-bord apposta għandha tingħata mhux aktar tard minn xahar mindu issir it-talba.

Dan iċ-ċertifikat supplimentari għandu jgħin biex tikber u tissaħħaħ il-motivazzjoni tal-persuni sentenzjati biex ikollhom imġieba tajba u korretta u biex isegwu programmi edukattivi u r-rijabilitattivi waqt li jkunu qed jiskuntaw is-sentenza tagħhom.

Fl-istess waqt dan iċ-ċertifikat supplimentari flimkien ma dak tal-kondotta jagħti stampa aktar sħiħa lill-impjegaturi dwar il-karattru, l-ħiliet u l-kwalitajiet tal-impjegat prospettiv tagħhom.

Is-sistema kif inhi llum, qegħda twassal biex persuni li jkunu skuntaw is-sentenza tagħhom jibqgħu jitqiesu bħala kriminali bil-konsegwenza li jitilfu opportunitajiet ta' xogħol għaliex m'għandhom xejn x'juru ħlief iċ-ċertifikat tal-kondotta imċappas. Dan x'aktarx jista' qiegħed jikkontribwixxi għal rata għolja ta' reċidivizmu li hawn f'Malta.

Din id-deċiżjoni tkun finali.

Dan iċ-ċertifikat supplimentari ma jibqax jgħodd u jintilef jekk il-persuna li tkun ingħatat dan iċ-ċertifikat twettaq reat ieħor u tinstab ħatja tiegħu.

# Kompożizzjoni tal-Bord għaċ-ċertifikat supplimentari

Qed ikun propost li dan iċ-ċertifikat supplimentari jinħareġ minn bord apposta li jkun fih:

- Iċ-chairperson li jinħatar mill-Ministru Responsabbli għall-Pulizija
- Il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija  għas-Servizzi Korrettivi ex-officio
- Ic-chairperson tal-Bord tal-Parole ex officio
- L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija li Toffri Sapport lill-Vittmi ex officio
- Persuna nominata mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja
- Rapprezentat ex-officio tal-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti

Dan il-bord ikollu dritt jisma' xhieda ta' persuni li jkunu direttament involuti bir-riabilitazzjoni tal-persuna li tkun skuntat is-sentenza. Il-bord għandu jedd li jara u jevalwa  r-rekords ta' kull faċilità korrettiva u anke l-Fedina Penali tal-applikant.

# Perjodu iqsar biex sentenzi fuq reati partikulari jitneħħew miċ-ċertifikat tal-kondotta

L-Ordinanza li tirregola ċ-ċertifikati tal-kondotta tipprovdi għal proċeduri awtomatiċi u oħrajn li jistgħu jsiru b'talba lil qorti sabiex ċerti reati jitneħħew miċ-ċertifikat tal-kondotta, għalkemm qatt ma jitħassru mill-Fedina Penali.

Din ir-riforma qegħda tipproponi li jiqsar iż-żmien biex ċerti reati jitneħħew miċ-ċertifikat tal-kondotta.

Dan bl-eċċezzjoni ta' reati gravi li jibqgħu jidhru dejjem fiċ-ċertifikat tal-kondotta irrispettivament minn kemm jgħaddi żmien.

Dawn ir-reati jinkludu każi ta' persuni li jkunu reċidivi f'serq, frodi, traffikar tad-droga, u persuni kkundannati għal reati kontra l-umanita, kontra s-sigurtà tal-Gvern jew kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja jew kontra l-fiduċja pubblika.

F'din il-kategorija se jiddaħħlu wkoll persuni li jkunu reċidivi f'reati gravi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru jew ta' vjolenza domestika, persuni li jkunu nstabu ħatja ta' omiċidju volontarju u persuni li jkunu wettqu ċerti reati sesswali gravi fuq it-tfal.

Peress illi l-medda ta' reati li jistgħu jitqiesu bħala reati ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru jew ta' vjolenza domestika hija wiesgħa qiegħed ikun propost li r-reċidività f'dawn ir-reati trid tkun waħda li tinvolvi reati gravi u illi d-deċiżjoni li dawn ma jitħassrux qatt mill-kondotta għandha teħodha l-Qorti fis-sentenza tagħha.

## Kif ser jiqsar il-perjodu biex reat ma jibqax reġistrat fil-kondotta

- Sentenza tal-qorti fejn il-persuna tkun kundannata għal iżjed minn għaxar snin ħabs bħalissa titneħħa miċ-ċertifikat tal-kondotta wara 10 snin li tkun ġiet skuntata sentenza. Bl-emendi proposti, l-perjodu ta' 10 snin ser jonqos għal 5 snin.
- Sentenzi fuq reati b'kundanna ta' bejn ħamsa u għaxar snin bħalissa jitneħħew miċ-ċertifikat tal-kondotta wara 5 snin li tkun skuntata s-sentenza. Il-perjodu ta' 5 snin għandu jonqos għal 3 snin.
- Sentenzi fuq reati b'kundanna ta' bejn sena u ħames snin bħalissa jitneħħew miċ-ċertifikat tal-kondotta wara 3 snin li tkun skuntata s-sentenza. Il-perjodu ta' 3 snin għandu jonqos għal sentejn.
- Sentenzi fuq reati li ma jiskorrux is-sena priġunerija bħalissa jitneħħew miċ-ċertifikat tal-kondotta sena wara li tkun skuntata s-sentenza. B'din ir-riforma jekk is-sentenza tkun bejn sitt xhur u s-sena titneħħa miċ-ċertifikat tal-kondotta wara sitt xhur li tkun skuntata s-sentenza.
- Kundanni dwar reati ta' inqas minn sitt xhur ma jibqgħux jidhru fil-kondotta 3 xhur wara li tkun skuntata s-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| **Sentenzi b'kundanni ta' aktar minn 10 snin ħabs** | Bħalissa jitneħħew miċ-ċertifikat tal-kondotta 10 snin wara li tkun skuntata s-sentenza | Bir-riforma jitneħħew wara 5 snin |
| **Sentenzi b'kundanni ta' aktar minn 5 sa 10 snin** | Bħalissa jitneħħew wara 5 snin | Bir-riforma jitneħħew wara 3 snin |
| **Sentenzi b'kundanna ta' bejn 1-5 snin** | Bħalissa jitneħħew wara 3 snin | Bir-riforma jitneħħew wara sentejn |
| **Sentenzi b'kundanna ta' inqas minn sena** | Bħalissa jitneħħew wara sena | Bir-riforma jitneħħew wara 6 xhur |
| **Sentenzi b'kundanna ta' inqas minn 6 xhur** | Bħalissa jitneħħew wara sena | Bir-riforma jitneħħew wara 3 xhur |

- Fil-każ ta' sentenzi mogħtija mill-qorti li jkunu jinvolvu biss multa u mhux priġunerija, ma jibqgħux jidhru fiċ-ċertifikat tal-kondotta malli titħallas il-multa.

Persuni li fiċ-ċertifikat tal-kondotta tagħhom għandhom sentenzi ta' multi li tħallsu, jistgħu jitolbu lill-awtorità pubblika biex din is-sentenza titneħħa miċ-ċertifikat tal-kondotta tagħhom.

# Sentenzi ta' reati li mhux ser jibqgħu jidhru fiċ-ċertifikati tal-kondotta.

Mal-lista ta' reati li bħalissa ma jkunux reġistrati fiċ-ċertifikat tal-kondotta ser jiżdiedu r-reati ta' pussess sempliċi tad-droga għall-użu personali.

L-Ordinanza diġà tipprovdi biex persuna tista' titlob lill-awtorita pubblika biex miċ-ċertifikat tal-kondotta jitneħħa reat li seta' kellha fil-passat u li fil-fratemp ġie depenalizzat u għalhekk m'għadux kunsidrat bħala reat kriminali.

# Apprezzament akbar għall-programmi ta’ riabilitazzjoni

Ir-riformi proposti f’din il-White Paper filwaqt li ser jagħmlu ġustizzja akbar mal-persuni li jkunu segwew programmi ta’ riabilitazzjoni, mhux ser isolvu d-diffikultajiet kollha li dawn il-persuni qegħdin jiffaċċjaw.

Fil-proċess ta’ konsultazzjoni li sar bi tħejjija għal din ir-riforma, ħareġ ċar li hemm entitajiet pubbliċi u privati li jistgħu jagħmlu wkoll il-parti tagħhom biex japprezzaw l-isforzi ta’ riabilitazzjoni li jkunu saru minn dawn il-persuni li jkunu xellfu dufrejhom mal-ġustizzja, ħadu l-kastig iżda għamlu ħilithom biex jerġgħu jibdew ħajjithom mill-ġdid.

Diversi opportunitajiet ta’ xogħol  għal dawn in-nies qegħdin jintilfu minħabba proċeduri u liġijiet u regolamenti stretti wisq jew antikwati li jeskludu lil dawn il-persuni minn diversi xogħlijiet.

Għal dan il-għan qiegħed ikun propost ukoll illi jsiru emendi fl-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi li bihom l-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll ċerti istituzzjonijiet privati jkunu obbligati li fit-tfassil tal-policies tagħhom jieħdu inkonsiderazzjoni l-ħtiġijiet tar-riabilitazzjoni u, fejn dan huwa possibbli, jagħmlu l-bidliet meħtieġa biex raġjonevolment  jakkomodaw dawk il-ħtiġijiet bl-impożizzjoni ta’ kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet partikolari.

Dwar l-awtoritajiet pubbliċi huwa propost li jitwaqqaf Bord taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi li jkun jista’ jikkunsidra l-pożizzjoni tal-eżerċizzju tas-setgħat tal-liċenzjar fid-dawl tal-ħtiġijiet tar-riabilitazzjoni u jagħmel rakkomandazzjonijiet.

Dan il-Bord huwa propost li jkollu kompożizzjoni rappreżentattiva tal-interessi ewlenin u li jkun jista’ jaġixxi kemm fuq ilment mill-persuna konċernata kif ukoll fuq inizjattiva tiegħu stess.

# Kompożizzjoni tal-Bord fl-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi

Il-Bord għandu jinħatar mill-Ministru tal-Ġustizzja u għandu jkun magħmul minn:

- Chairperson li jkollu mill-inqas ħames snin esperjenza ta' xogħol fl-oqsma relatati mas-sistema tal-ġustizzja krimanali jew mas-servizzi korrettivi
- Żewġ membri nominati mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja
- Żewġ membri mis-servizz pubbliku li jiġu nominati mis-Segretarju Permanenti Ewlieni
- Żewġ membri maħtura mill-Ministru għal-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni wara konsultazzjoni ma għaqdiet mhux governattivi li jkunu attivi fil-qasam tar-riabilitazzjoni ta' persuni li jkunu ġew ikkundannati għal piena kriminali ;
- Żewġ membri li jinħatru wara konsultazzjoni ma organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-impjegaturi u lil ħaddiema rispettivament.

xx§x§Il-bord għandu jkollu segretarju mingħajr jedd tal-vot u għandu iservi għal perjodu ta' tliet snin li jistgħu jiġġeddu għal perjodu ieħor ta' tliet snin.

F'każ ta' riżenja ta' xi membru, l-Ministru huwa fid-dmir li jaħtar sostitut għal bqija tal-mandat u dan għandu jkun rappreżentattiv tas-settur li minnu jkun inħatar il-membru li jkun irriżenja.

# Għeluq

B'dawn ir-riformi proposti fiċ-ċertifikat tal-kondotta l-għandu jinħoloq bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-soċjetà li tkun protetta u d-drittijiet tal-persuni li jkunu żbaljaw u li jkunu għamlu l-isforz tagħhom biex ikunu imħejjija ħalli ma jerġgħux jaħbtu dufrejhom mal-liġi.

Fil-konsultazzjoni preliminari smajna każi ċari ta' inġustizzji li persuni sofrew minħabba l-kondotta. Din ir-riforma trid tindirizza dawn it-tip ta' inġustizzji. Nemmnu li s-soċjetà tagħna hija soċjetà ħanina li lesta taħfer lil min ġenwinament ikun iddispjaċih ta' għemilu u jkun għamel l-almu tiegħu biex ikun ċittadin riformat.

Din ir-riforma għalhekk hija mnebbħa mill-ġustizzja soċjali u tista' tilħaq l-iskop tagħha jekk kemm is-settur pubbliku u dak privat jaġġornaw ukoll il-prattiċi tagħhom meta jiġu biex jikkunsidraw l-ingaġġ ta' impjegati ġodda billi kemm jista' jkun ma jwarrbux ħaddiema prospettivi abbażi biss tal-kondotta iżda jikkunsidraw lill-kull persuna abbażi tal-mertu individwali tagħha nkluż ir-rekords taċ-ċertifikat supplimentari.

Il-Ministeru għal-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni u s-Segretarjat Parlamentari għar-Riforma u l-Ugwaljanza ser jilqgħu l-kummenti u l-proposti tal-pubbliku għal din ir-riforma leġislattiva sa sitt ġimgħat mill-lum.

Wara l-evalwazzjoni tal-kummenti u tar-rakkomandazzjonijiet li jsiru f'dan il-proċess ta' konsultazzjoni, ikun jista' jinbeda l-proċess leġislattiv u parlamentari biex jidħlu fis-seħħ ir-riformi fl-Ordinanza dwar iċ-ċertifikati tal-kondotta u fl-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi.

GVERN
TA' MALTA

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA
TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-UGWALJANZA U R-RIFORMI

# Factsheet

Nagħtu t-Tieni Ċans

Public Consultation

## What are the main elements of the White Paper Giving a Second Chance?

This reform aims to facilitate the reintegration of individuals who have served a prison sentence and have demonstrated rehabilitation efforts through such sentence. It includes issuing a supplementary certificate of good conduct and reducing the time in which certain crimes remain listed on a person's criminal conduct.

## Will the certificate of conduct be discontinued with this reform?

No, the certificate of conduct will continue to be required, as is done in other countries.

## What changes will this reform bring about?

Following the consultation phase on the proposals, legislative reforms will be implemented to maintain the certificate of conduct in a more humane manner.

## Which crimes will no longer appear on the certificate of conduct?

After person has served time, sentences for simple possession of drugs for personal use will no longer be registered on the certificate of conduct.

**Why is this measure being taken for individuals who use drugs for personal use?**

This aligns with the government's policy of rehabilitating and reducing harm for individuals struggling with substance abuse, enabling them to reintegrate through strengthen rehabilitation programs.

**Can I request the removal of a sentence from the certificate of conduct?**

Yes, you can request the removal of an offence if it has been decriminalised and is no longer considered a criminal offence.

**How will the supplementary certificate of good conduct be issued?**

The supplementary certificate of conduct can be requested from a special board up to one month after completing the sentence.

**What information will the supplementary certificate of good conduct contain?**

This certificate will detail the programs the individual participated in during their sentence and provide an account of their behaviour while serving the sentence.

**Why is the reform introducing this supplementary certificate?**

This certificate serves two purposes: to incentivize individuals to engage in reform programs during their sentence and to demonstrate their progress toward rehabilitation.

**Is this certificate valid indefinitely?**

No, the certificate is automatically revoked if the individual is found guilty of another crime.

**How will the time until a crime no longer appears on the record be reduced?**

This varies depending on the severity of the crime and the sentence.

| | | |
|---|---|---|
| Sentences with convictions of more than 10 years in prison | They are currently removed from the certificate of conduct 10 years after the sentence has been served | With this reform they will be removed after 5 years |
| Sentences with convictions of more than 5 to 10 years | They are currently removed after 5 years | With this reform they will be removed after 3 years |
| Sentences with a conviction of between 1-5 years | They are currently removed after 3 years | With this reform they will be removed after two years |
| Sentences with a conviction of less than one year | They are currently removed after one year | With this reform they will be removed after 6 months |
| Sentences with a conviction of less than 6 months | They are currently removed after one year | With this reform they will be removed after 3 months |

**Are there crimes that will never be removed from the record?**

Yes, certain serious crimes will not be expunged from the criminal record, even with this reform. These crimes include:

- Crimes against Humanity
- Recidivism in theft.
- Recidivism in fraud.
- Recidivism in drug trafficking.
- Crimes against government security and
- Slander and perjury

**Will fines still appear on the record under this reform?**

Once they are paid, fines will no longer appear on the record.

**Will this reform affect the Penal Code?**

No, this reform will not change anything in the Penal Code, which will continue to be accessible to authorised entities to carry out the necessary checks.

**What will be the function of the Restorative Justice Board proposed in the White Paper?**

This board will recommend procedural adjustments to public entities regarding the issuance of work licenses in relation to the supplementary certificate of conduct.

The public is invited and encouraged to actively participate and contribute to this public consultation by visiting **www.publicconsultation.gov.mt.**